# POST VAKANTI

Numru tal-permess tal-Jobsplus: 679-2023

Numru tal-vakanza tal-Jobsplus: 398348

# UFFIĊJAL AMMINISTRATTIV 5

## BI SPEĊJALIZZAZZJONI FIT-TAĦRIĠ U L-IŻVILUPP TAL-ĦADDIEMA

## FULL-TIME




## L-IRWOL

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) ser jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 (fit-Taħriġ u l-Iżvilupp).

L-impjegat prospettiv ikun jagħmel parti mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u Żvilupp tal-ħaddiema jew minn taqsimiet oħra skont l-esiġenzi tal-Uffiċċju.

Din il-pożizzjoni hija opportunità eċċellenti għal kandidati li qegħdin ifittxu li jiksbu karriera bi speċjalizzazzjoni fir-Riżorsi Umani u Żvilupp tal-ħaddiema.

## KUNDIZZJONIJIET

Din il-pożizzjoni għandha salarju annwali li jibda minn €28,284, b'żidiet ta' kull sena li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba tax-xogħol. Dan il-ħlas jeskludi *allowances* tal-kwalifika u ħlas ta' overtime, li jitħallas separatament fuq bażi *ad-hoc*, skont il-ħtieġa.

**Benefiċċji oħra tal-NSO jinkludu:**

- Ambjent ta' xogħol attraenti;
- Skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fis-sajf;
- Miżuri għall-bilanċ bein ix-xogħol u l-familja;
- Assigurazzjoni tas-saħħa;
- Arranġamenti flessibli tax-xogħol;
- Taħriġ u inċentivi għal studju kontinwu;
- Hybrid working;
- Opportunitajiet ta' safar fuq xogħol ġewwa l-Ewropa; u
- Opportunitajiet għal aktar tagħlim, inkluż boroż ta' studju.



MSA
Malta Statistics Authority
Awtorità tal-Istatistika ta' Malta

Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

**SKOPRI KIF TISTA' TAPPLIKA FUQ PAĠNA 2**

# POST VAKANTI

Numru tal-permess tal-Jobsplus: 679-2023

Numru tal-vakanza tal-Jobsplus: 398348

## REKWIŻITI EWLENIN

**Minbarra livell eċċellenti ta' ħila bil-miktub u verbali fil-komunikazzjoni bl-Ingliż, il-kandidati prospettivi għandhom ikollhom:**

- Ħiliet analitiċi, ta' komunikazzjoni u ta' preżentazzjoni tajbin ħafna;
- Għarfien tajjeb li jagħraf korsijiet xierqa u effettivi u li jfassal strateġija ta' taħriġ għall-NSO;
- Ifassal, jifrex u jamministra programmi ta' taħriġ u żvilupp imsejsa fuq il-ħtiġijiet tal-impjegat u tal-organizzazzjoni, u jipproduċi materjal ta' taħriġ għall-korsijiet interni;
- Jippjana u jistima 'd-dħul mill-investiment' fuq kull programm ta' taħriġ jew żvilupp, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-programmi ppjanati u jinżammu l-baġits;
- Jiżviluppa programm ta' induzzjoni effettiv u effiċjenti għal impjegati u interns ġodda;
- Iżomm għajnejh fuq l-progress tat-trainees permezz ta' kwestjonarji u taħdidiet mal-maniġers, u jħejji rapporti dwar is-suġġett;
- Rieda għat-tagħlim u l-involviment, flimkien ma' motivazzjoni personali.

**Applikanti għal dan ir-rwol għandhom jkollhom:**

- Ċertifikat fil-livell ta' MQF 5 f'qasam ta' suġġett relatat mar-Riżorsi Umani, it-Taħriġ u l-Iżvilupp, flimkien ma' seba' snin, jew ekwivalenti, ta' esperjenza rilevanti;

  JEW
- Ċertifikat fil-livell ta' MQF 6 jew ogħla f'qasam tas-suġġett relatat mar-Riżorsi Umani (Ladarba jissottomettu evidenza li jinsabu fil-fażi finali tal-kors tagħhom, il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifiki speċifikati hawn qabel xorta jkunu kkunsidrati).
- Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb fil-Malti jew kwalunkwe lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropeja.

Applikanti prospettivi huma ġentilment mitluba jaqraw u jirrispettaw ir-rekwiziti tal-eligibilità.

## KIF TAPPLIKA

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet tista' tinkiseb mingħand il-Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff, fl-NSO.

**L-applikanti interessati għal dan ir-rwol għandhom jibagħtu:**

- Curriculum Vitae (CV), ittra ta' applikazzjoni u kopji taċ-ċertifikati li jinkludu traskrizzjoni tar-riżultati;
- Formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-dejta;
- Kopja tal-kondotta tal-pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar sitt xhur).

L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff u jintbagħtu permezz ta' ittrè (email) f'dan l-indirizz careers.nso@gov.mt bit-titlu "Post vakanti ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 (Taħriġ u l-Iżvilupp)" sa nofsinhar (12:00hrs) Ħin Ċentrali Ewropej, tal-Ġimgħa 13 ta' Ottubru 2023.

MSA
Malta Statistics Authority
Awtorità tal-Istatistika ta' Malta

EQUALITY CERTIFIED
NCPE

Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika